



Brussell, 21 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13946/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0399(COD)**

**CODEC 1582
INST 389
JUR 676
JUSTCIV 134
PE 124**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 17 sal-20 ta' Ottubru 2022)

I. VOT

Fit-18 ta' Ottubru 2022, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 9279/1/22 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2022)0358

L-adattament ta' għadd ta' atti legali fil-qasam tal-ġustizzja għall-Artikolu 290 tat-TFUE (atti delegati tal-Kummissjoni) *II**

Risoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 805/2004 fir-rigward tal-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju sabiex jadattah għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (09279/1/2022 – C9-0282/2022 – 2016/0399(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09279/1/2022 – C9-0282/2022),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari² dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0798),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0237/2022),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

² ĠU C 158, 30.4.2021, p. 832.

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.
-